A.L. 180 tal-2010

ATT DWAR IX-XANDIR
(KAP. 350)

Regolamenti tal-2010 dwar il-Kodiċi dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 20(1)(b) u 35 tal-Att dwar ix-Xandir, l-Awtorita' tax-Xandir, flimkien mal-Prim Ministru, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar il-Kodiċi dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir.

Kodiċi dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir

Titolu tal-Kodiċi.

2. It-titolu ta' dan il-Kodiċi hu Kodiċi dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir.

Dmirijiet li għandhom ix-xandara.

3. Ix-xandara għandu jkollhom id-dmir li jużaw l-ilsien Malti sew billi:

(a) jifhmu r-responsabbilta' tagħhom li jħarsu l-ilsien Malti;

(b) jimxu ma' kull żvilupp li jseħħ fl-ilsien Malti, sew jekk mitħaddet sew jekk miktub, b'mod speċjali fil-każ tal-ġurnalisti;

(ċ) jiżguraw li jsiru traduzzjonijiet u adattamenti xierqa bażati fuq il-prinċipji fundamentali tat-traduzzjoni;

(d) jgħinu persuni li jieħdu sehem f'xi programm kif ukoll iwaqqfu parteċipanti li ma jagħmlux użu tajjeb mill-ilsien Malti;

(e) jgħassu sew programmi għall-użu tajjeb tal-ilsien Malti, b'mod speċjali programmi edukattivi, informattivi jew tat-tfal;

(f) jiżguraw li l-Malti jitħaddem sew f'dawk li huma dizzjoni, semantika, grammatika, sintassi, morfoloġija u kontenut;

(g) ikunu jafu jħaddmu sew kull aspett tal-ilsien Malti biex dak li jingħad juri għaqda, sħuħija u jkun jinftiehem sew;

(h) jużaw b'għaqal kull neoloġiżmu li jidħol fl-ilsien Malti u, fejn possibbli, jagħmlu dan skont il-morfoloġija tal-ilsien Malti;

(i) jużaw tajjeb l-ilsien Malti mingħajr ma jirrikorru għall-arkaiżmi; u

(j) jużaw kliem kemm jista' jkun ċar u li jinftiehem sew.

Responsabbiltà tal-istazzjonijiet.

4. Hi r-responsabbiltà ta' kull stazzjon tax-xandir li jxandar programmi bl-ilsien Malti li:

(a) ikollu l-konsulent tiegħu li jkollu grad fl-ilsien Malti minn Università rikonoxxuta jew li jkun rikonoxxut mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti bħala persuna li jkollha tagħrif u esperjenza biżżejjed fl-użu tal-ilsien Malti. Dan il-konsulent għandu f'kull każ jiġi approvat mill-Awtorita' tax-Xandir;

(b) isegwi r-regoli u d-direttivi li joħorġu mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti f'dak li hu t-tħaddim tal-ilsien Malti;

(ċ) jużaʼ l-ilsien Malti sew f'kull xandira bil-Malti;

(d) josserva kull kundizzjoni li jkun hemm fil-liċenzja tax-xandir u li tkun teħtieġ li l-ilsien Malti jitħaddem b'mod xieraq; u

(e) ixandar mill-anqas programm wieħed f'perijodu ta' tliet xhur konsekuttivi biex iġib 'il quddiem l-ilsien Malti. L-istazzjon għandu jinforma lill-Awtorità tax-Xandir bid-data u l-ħin ta' dik ix-xandira u għandu jagħti lill-Awtorità tax-Xandir kopja elettronika tax-xandira mhux aktar tard minn sebat ijiem qabel ma ssir ix-xandira. Dan il-programm m'għandux ikun iqsar minn nofs siegħa iżda jista' wkoll jixxandar f'għadd ta' segmenti f'diversi programmi, u dawk

is-segmenti fit-totalità tagħhom m'għandhomx ikunu iqsar minn nofs siegħa.

5. Hi r-responabbiltà tal-Awtorità tax-Xandir li:

Responsabbiltà tal-Awtorità tax-Xandir.

(a) tiżgura li l-istazzjonijiet u x-xandara jimxu mal-obbligi tagħhom skont dan il-Kodiċi u r-regoli u l-linji gwida għall-ħarsien u l-użu tajjeb tal-ilsien Malti;

(b) tinforza r-regoli f'dan il-Kodiċi b'mod sistematiku, regolari u konsistenti;

(ċ) tippubbliċizza l-politika tagħha dwar l-ilsien nazzjonali;

(d) minn żmien għal żmien tħejji u tippubblika rapporti fuq il-qagħda tal-ilsien Malti fil-mezzi tax-xandir;

(e) tassisti għaqdiet rappreżentattivi fil-qasam tax-xandir sabiex jilħqu l-għan tagħhom li jirregolaw lilhom infushom fejn tidħol il-lingwa; u

(f) tqabbad persuni għal skopijiet ta' sorveljanza, u biex jiżguraw li dawn il-persuni jkollhom livell għoli ta' għarfien tal-ilsien Malti.

6. Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha tħassar xi proċedura applikabbli sew bil-miktub sew bil-fomm, li setgħet saret mill-Awtorità tax-Xandir qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Kodiċi.

Proċeduri applikabbli.

7. Il-Kodiċi tax-Xandir tal-2002 dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir, qiegħed b'dawn jiġi mħassar.

Iħassar A.L. 133 ta' l-2002.